MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru 13/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dominic Bonnici**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-13 ta' Awissu 2002 kontra Dominic Bonnici li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car ikkaguna l-mewt ta' Gerald u Josephine konjugi Grima; (2) seraq oggetti li jiswew aktar

minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1,000), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna), mezz (ghata tal-wicc), valur, hin, u lok (dar ta' abitazzjoni); (3) arresta, zamm jew issekwestra persuni bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-akkuzat debitament registrata u li fiha l-istess akkuzat ippersista anke wara li gie debitament imwissi minn dik il-Qorti skond l-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali u wara li rat in-nota ta' l-Avukat Generali pprezentata fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2004 li biha ddikjara li l-ewwel u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza huma alternattivi ghat-tieni kap, filwaqt li ddikjarat illi l-ewwel u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza huma alternattivi ghat-tieni kap u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, iddikjarat lil Dominic Bonnici hati skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' tletin (30) sena prigunerija kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija u hdax-il lira u seba' centezmi (Lm2,811.07) import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tieghu, u dan wara li kienet semghet ix-xiehda tal-Kumissarju tal-Pulizija John Rizzo, tas-Supretendent Pierre Calleja u tar-Reverendu Patri Raniero Zammit, kif ukoll it-trattazzjoni tad-difensur u tal-prosekutur, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza, li jinsabu registrati w senjatament imma mhux biss dawn li gejjin u cioe` illi kien hemm diversi ragunijiet f’dan il-kaz partikolari biex din il-Qorti tkun tista’ tezercita d-diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena li taghtiha l-ligi fl-Artikolu 492(1) tal-Kap. 9. Fost dawn kien hemm il-fatt li l-hati ammetta l-htija tieghu bin-nota fuq imsemmija w rega’ tenna tali ammissjoni fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2004. Li l-hati kkoopera b’kull mod ma’ l-awtoritajiet gudizjarji w investigativi w offra li jaghti x-xiehda tieghu kontra ko-akkuzat b’ittra li huwa esebixxa w li ggib id-data tat-3 ta’ Marzu 2000 u li sussegwentement kien iddepona kontra dak il-ko-akkuzat fil-proceduri ta’ l-Istruttorja kontra tieghu. Li hu kien irrinunzja ghat-terminu biex il-kaz tieghu seta' jigi ttrattat dak in-nhar u anki rrinunzja ghax-xhud Brian Vella li seta' johloq

komplikazzjonijiet legali bix-xiehda tieghu kieku insista ghaliha. Li l-ko-operazzjoni dettaljatissima li ta lill-awtoritajiet investigativi kienet tirrizulta mhux biss mill-atti processwali imma anki mid-deposizzjoni tal-Kummissarju John Rizzo u tas-Supretendent Pierre Calleja li ddeskrivew din il-ko-operazzjoni bhala strumentali biex twassal halli seta' jigi processat ko-akkuzat iehor. Li l-hati kien mimli b’rimors u iddispjacih ghall-eghmil tieghu kif irrizulta mix-xhieda fuq imsemmija u minn dik ta’ Fr. Raniero Zammit. Li ghajr ghal dan il-kaz li l-hati nnifsu ddeskriva bhala “tragiku w fatali”, l-hati ma kien jirrapprezenta ebda periklu ghas-socjeta` kif kien jidher mill-fedina penali aggornata tieghu w mill-fatt li hu ma kellux kazijiet ohra pendenti fil-Qorti kif iddikjara s-Supretendent Pierre Calleja w li meta kien gie michud rikors tieghu ghal-liberta` provizorja, dan ma kienx gie michud minhabba biza’ ta’ ripetizzjoni ta’ xi reat iehor imma ghal ragunijiet ohra. Li l-iskop tal-piena ma kienx dak ta’ retribuzzjoni w deterrent. Konsegwentement dawn il-fatturi kollha kienu jimmilitaw favur li din il-Qorti tezercita d-diskrezzjoni li kien jaghtiha l-Artikolu 492(1) tal-Kap. 9;

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara li beda biex qal li dan kien kaz gravi ghaliex kien jinvolvi l-mewt ta’ zewg persuni biex insterqu ftit flus. B’dana kollu l-Qorti xorta kellha d-diskrezzjoni li ma taghtix il-piena ghal ghomor imma wahda minn tmintax sa tletin sena skond l-Artikolu 492(1) fuq imsemmi. Ried ikun hemm bilanc bejn l-interess pubbliku w dawk tal-vittmi w l-fatt li l-hati kien strumentali biex setghu jittiehdu proceduri kriminali kontra haddiehor. Li ghalhekk jekk il-Qorti kienet thoss li kellha tuza d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 492(1), il-piena kellha tkun ferm qrib il-massimu taghha f’dan il-kaz;

Ikkonsidrat:

Li ghalkemm il-piena ghal serq aggravat b’omicidju volontarju hija dik ta’ ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f’xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal

prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

Illi biex din il-Qorti waslet biex tiddeciedi jekk f'dan il-kaz kellhiex tuza id-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi qieset il-fatturi kollha msemmija mill-prosekuzzjoni u d-difiza fit-trattazzjoni taghhom;

Illi l-ewwel raguni li adduciet id-difiza fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta;

Issa pero` kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena;

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.):-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount.**

**(*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”**

Ikkonsidrat:

Illi f'dan il-kaz wara l-interrogatorju li sarlu mill-investigaturi fis-17 ta' Frar, 2000, fejn huwa kien cahad kull involviment tieghu fid-delitt, l-ghada, 18 ta' Frar, 2000 waqt li kien qed jerga' jigi nterrogat, il-hati, f'hin minnhom, kien infaqa' jibki, ammetta l-fatti kollha w stqarr il-htija tieghu, (vide fol. 15 tal-process u l-istqarrija ta' l-akkuzat). Din l-istqarrija kien umbaghad ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat ta' l-Inkjesta (fols. 95 sa 110 tal-process). Pero',

b’dana kollu, meta tressaq il-Qorti w gie akkuzat bir-reati fl-20 ta’ Frar, 2000, huwa kien wiegeb li ma kienx hati w konsegwentement saret il-kompilazzjoni fil-kawza tieghu. Hu zamm ma din il-pozizzjoni sal-ahhar tal-kumpilazzjoni, ghalkemm fit-3 ta’ Marzu 2000, waqt li huwa kien ghadu ghaddej kompilazzjoni, l-Avukat tieghu kien kiteb lill-allura l-Assistent Kummissarju John Rizzo fejn infurmah illi, fl-eventwalita` li l-persuna l-ohra li kienet mieghu fid-delitt titressaq il-Qorti, huwa kien dispost li jaghti d-deposizzjoni tieghu f’dawk il-proceduri. Fil-fatt, kif irrizulta mix-xiehda tal-Kummissarju Rizzo u s-Supretendent Calleja, il-hati kien ta x-xiehda tieghu fil-process tal-persuna l-ohra w kien ikkoopera bis-shih mal-awtoritajiet gudizjarji u investigativi;

Illi pero`, meta, wara bosta xhur, ntemmet il-kompilazzjoni w huwa gie notifikat bl-Att ta’ l-Akkuza fid-19 t’Awwissu 2002, il-hati ma pprezenta l-ebda nota ta’ ammissjoni izda minflok ipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn ecepixxa n-nullita` ta’ diversi kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza ghal diversi ragunijiet;

Meta mbaghad dawn l-eccezzjonijiet gew trattati fid-9 t’Ottubru, 2003, huwa kien irtira erba’ mill-hames eccezzjonijiet u minkejja li din il-Qorti cahditlu l-eccezzjoni rimanenti tieghu b’sentenza tal-5 ta’ Jannar, 2004, huwa hass li kellu jappella minnha quddiem il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali;

L-appell tieghu izda mhux biss gie michud b’sentenza ta’ din l-ahhar Qorti tat-22 t’April, 2004 izda addirittura gie dikjarat fieragh u l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hasset li kellha tikkundanna l-hati, allura appellant, ghal multa ta’ mitt lira, (LM100) konvertibbli f’ghoxrin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi;

Hu minnu li l-hati meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh mill-gdid quddiem din il-Qorti kkoopera billi rrinunzja ghal kull terminu w ipprezenta n-nota tieghu tal-11 ta’ Mejju, 2004 fuq imsemmija, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis l-“***iter”*** tal-process ma jistax jintqal li f’dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun

awtomatikament tintitola lill-hati ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena;

Jibqa' pero` li din il-Qorti xorta wahda ghandha l-fakulta` li minflok piena ghal ghomor tapplika l-piena fil-parametri indikati fl-Artikolu 492(1) stante li giet registrata ammissjoni qabel ma gie format il-guri;

Meta giet biex tiddeciedi jekk ghandhiex tezercita id-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi biex ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs jew le, il-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet kollha msemmija mid-difiza favur il-hati w senjatament l-ammissjoni, ghallinqas f'dan l-ahhar stadju tal-process, il-fedina penali tal-hati kif ukoll il-fatt li hu nidem mill-incident u kien lest li jiffaccja l-kastig opportun. Pero` fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar konsiderazzjoni importanti li tista' xxaqleb il-mizien favur l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni f'dan il-kaz partikolari hija l-ko-operazzjoni li l-hati wera mal-awtoritajiet gudizjarji w investigattivi, certifikata mix-xiehda tal-Kummissarju John Rizzo u s-Supretendent Pierre Calleja;

Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minhabba dan id-delitt makabru w krudili motivat mill-flus, inqatlu zewg persuni anzjani innocenti gewwa darhom b'mod li thallew jifgaw minnhabba l-irbit li sar fuq il-persuna taghhom . Il-gravita` ta' dan l-omicidju duplici li akkompanja w aggrava r-reat ta' serq ammess mill-hati fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza hija tali li, una volta li din il-Qorti tezercita, kif ser tezercita, d-diskrezzjoni li tghtiha l-ligi li ma tapplikax il-piena ghall-ghomor il-habs, twassal lill-Qorti biex bla ezitazzjoni, tinfliggi l-piena karcerarja kontemplata fl-artikolu 492(1) fil-massimu taghha".

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Dominic Bonnici fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet il-htija ta' l-appellant skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dak migjub fl-ewwel u t-tielet kapi, tvarja u timmodifika l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena u partikolarment ghall-piz li ghandu jinghata ghall-ammissjoni ta' l-akkuzat. Filwaqt li l-appellant jikkoncedi li ammissjoni ma twassalx awtomatikament ghal tnaqqis fil-piena, jenfasizza li d-dibattitu fil-gurisprudenza jikkoncerna principalment kemm ghandu jkun it-tnaqqis fil-piena meta jkun hemm tali ammissjoni u x'inhuma c-cirkostanzi meta japplika dan il-principju.

B'riferenza ghall-bran citat fis-sentenza appellata minn **Blackstone's Criminal Practice**, l-appellant isostni li proprju dan il-bran jikkonferma li kellu jinghata piz ferm ikbar ghall-ammissjoni tieghu peress illi l-kriterji hemm elenkati huma pjenament soddisfatti f'dan il-kaz.

Jirreferi ghall-kumment fis-sentenza appellata li l-ammissjoni ta' l-appellant ma setghetx tittiehed bhala xi wahda bikrija in vista tal-*iter* tal-process u jissottometti li l-ammissjoni saret biss u wara li l-att ta' akkuza kien gie emendat ghax kieku ammetta qabel, kien necessarjament ikun ikkundannat ghall-piena ta' ghomru l-habs. Josserva wkoll li l-artikolu 492(1) gie introdott hafna wara li l-appellant tressaq il-Qorti. Apparti dan, meta persuna titressaq il-Qorti, l-avukat difensur ikun assolutament priv mill-konoxxenza tal-fatti tal-kaz u ghalhekk ic-cirkostanzi jiddettaw li t-twegiba dwar il-htija o meno ta' l-akkuzi addebitati tkun wahda ta' mhux hati.

L-appellant jirrimarka wkoll li bil-fatt li ressaq xi eccezzjonijiet u anke interpona appell mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali fir-rigward, huwa ma ha l-ebda "*tactical advantage*". Inoltre lanqas ma hu kaz fejn l-appellant inqabad *"red-handed"*. Bhalma lanqas ma jista' jinghad li l-appellant jipprezenta xi periklu ghas-socjeta`.

Din il-Qorti tibda mill-ewwel biex tghid li dan huwa kaz fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Inoltre huwa ppersista fl-ammissjoni tieghu anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Kif din il-Qorti dejjem irriteniet[1] u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-piena nflitta fuq l-appellant hi entro l-parametri tal-ligi. Ir-reat li dwaru gie dikjarat hati skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza jgorr mieghu l-piena indeterminata ta' prigunerija ghall-ghomor skond l-artikolu 272 tal-Kap. 9, mentri huwa gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta' tletin sena, cioe` ghall-piena ghal perijodu determinat.

Il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-piz li kellu jinghata lill-ammissjoni ta' l-appellant u lil cirkostanzi ohra, bhalma huma l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 tal-Kap. 9 jipprovdi:

**"Meta f'xi stadju qabel jigi fformat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu u ghall-fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-qorti tista', minflok il-piena**

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Serag F. H. Ben Abid**, 4 ta' Dicembru 2003.

**msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Tali disposizzjoni mela taghmilha cara li kwalunkwe tnaqqis fil-piena minhabba l-ammissjoni ta' l-akkuzat (cioe` tnaqqis mill-piena indeterminata ta' prigunerija ghall-ghomor ghal wahda determinata ta' bejn tmintax-il sena u tletin sena) hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan is-subartikolu ma jorbot idejn il-Qorti b'ebda mod. Anke qabel l-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu[2], il-linji gwida li kienu gew enuncjati mill-Qrati taghna kienu fis-sens li ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament tissarraf f'riduzzjoni fil-piena[3]. Kull Qorti kellha u ghad ghandha d-diskrezzjoni li tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax tnaqqis fil-piena minhabba li tigi registrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minhabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-ohra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkuzi li hemm dedotti kontra tieghu ghandu jkun penalizzat minhabba l-kontestazzjoni tieghu. Kull persuna akkuzata ghandha dritt li tikkontesta l-akkuzi dedotti kontra taghha u tipproduci x-xhieda idoneji. Ghalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-process jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'ghandux jigi penalizzat jekk ma jammettix[4]. Sahansitra s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 jippermetti tnaqqis fil-piena meta tigi registrata ammissjoni fi stadju pjuttost inoltrat tal-proceduri, cioe` quddiem il-Qorti Kriminali "qabel jigi fformat il-guri".

Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li l-ammissjoni li rregistra l-appellant quddiem il-Qorti Kriminali ma kinitx wahda bikrija. Din il-Qorti tista' tapprezza d-diffikulta` li d-difensur ta' l-appellant kellu biex jaghti parir lill-klijent tieghu fl-istadju tal-prezentata dwar jekk jammettix l-akkuzi dedotti kontra tieghu jew le, u dan meta anke kieku

---

2 Bis-sahha ta' l-artikolu 114 ta' l-Att III ta' l-2002.

3 Ara Appell Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri**, 5 ta' Lulju 2002.

4 Ara Appell Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo**, 14 ta' Novembru 2002.

ammetta xorta kien ikollha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi mill-Qorti Istruttorja. Tifhem ukoll il-problema li seta' kien qed johloqlu dak li jiddisponi l-paragrafu (a) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 dwar konkors ta' reati u pieni fis-sens li persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, illi jaqghu taht pieni li jnaqqsu l-liberta` persunali, li wahda minnhom tkun ghal ghomor, tigi ikkundannata ghal din il-piena biz-zieda tar-rekluzjoni. Tapprezza li meta gie notifikat bl-att ta' akkuza u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet, ma kien qieghed jaghmel xejn aktar hlief jezercita dritt li ghandu. U meta appella mis-sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali u din il-Qorti cahdet l-appell, iddikjaratu bhala wiehed fieragh, u kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' Lm100, gie debitament penalizzat minhabba n-natura ta' l-appell tieghu. Ma jistax pero` jinghad li sa certu punt dan ma kienx kaz fejn l-appellant (allura l-akkuzat) *"delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage"*. Id-difensur ta' l-appellant stess jghid li l-ammissjoni saret fl-uniku stadju meta l-appellant seta' jinghata parir li jammetti, cioe` meta l-Avukat Generali kien lest jipprezenta nota (dik tas-17 ta' Mejju 2004) fejn iddikjara li l-ewwel u t-tielet kapi ta' l-att ta' akkuza kienu alternattivi ghat-tieni kap. U jrid jinghad, fuq kollox, li l-appellant kien diga` ammetta l-involviment tieghu kemm permezz ta' stqarrija li ghamel fit-18 ta' Frar 2000 (Dok. PC1 a fol. 87 - 90 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) kif ukoll bix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti (a fol. 92 - 111 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni).

Apparti dan kollu, l-ewwel Qorti applikat is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 biex tezercita d-diskrezzjoni taghha u ma tapplikax il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, u dan wara li qieset "l-ammissjoni, ghallinqas f'dan l-ahhar stadju tal-process, il-fedina penali tal-hati kif ukoll il-fatt li hu nidem mill-incident u kien lest li jiffaccja l-kastig opportun". Ziedet tghid pero` li <u>"l-aktar konsiderazzjoni importanti li tista' xxaqleb il-mizien favur l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni f'dan il-kaz partikolari hija l-ko-operazzjoni li l-hati wera mal-awtoritajiet gudizzjarji u investigattivi, certifikata mix-xiehda tal-Kummissarju John Rizzo u s-Supretendent Pierre Calleja"</u>. In vista ta' din il-ko-operazzjoni tieghu difatti setghu jittiehdu passi kontra l-persuna l-ohra li l-

appellant semma' bhala kompartecipi fid-delitt in kwistjoni. Mhux hekk biss, imma jirrizulta li l-appellant diga` xehed fl-atti tal-kumpilazzjoni li saru fil-konfront ta' dik il-persuna.

Dak li jidher li zamm lill-ewwel Qorti milli tikkunsidra tnaqqis ulterjuri kien il-fatt "li minhabba dan id-delitt makabru u krudili motivat ghall-flus, inqatlu zewg persuni anzjani innocenti gewwa darhom b'mod li thallew jifgaw minhabba l-irbit li sar fuq il-persuna taghhom".

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' tali konsiderazzjoni u mar-riluttanza li kellha l-ewwel Qorti biex tnaqqas il-piena aktar. In effetti kulhadd, u aktar u aktar nies anzjani, irid ikollhom is-serhan tal-mohh li jistghu jabitaw gewwa darhom minghajr il-biza' li se jidhlilhom xi hadd jew li sejrin jigu attakkati kif gew attakkati l-konjugi Grima, u li jekk sfortunatament jigru kazijiet bhal dak odjern, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena harxa. Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra. Iddur fejn iddur jibqa' l-fatt li f'dan il-kaz ghandna l-omicidju ta' zewg anzjani, gewwa darhom, u li l-movent principali kien li dawn l-anzjani jinsterqu. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza m'hemm l-ebda dubju li l-attakk fuq il-konjugi Grima kien wiehed kiefer u, filwaqt li din il-Qorti tapprezza l-indiema li wera l-appellant - kif, wara kollox, kellu jkun - ma tara l-ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fil-piena minnha inflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------